515. Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:

1. Illi permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Jannar, 2013 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, il-Gvern ta' Malta kien ikkonċeda lil Ricasoli Port Facility Limited (C 58691) sit ġewwa Ricasoli, fil-limiti tal-Kalkara b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' tletin (30) sena b'effett mid-data tal-imsemmi kuntratt sabiex topera bħala *a port reception facility* kif deskritt fl-imsemmi kuntratt;

2. Illi dan is-sit fil-limiti tal-Kalkara kien jikkomprendi fih is-segwenti proprjetajiet immobbli:

   i. porzjon diviża ta' art konsistenti fir-Ricasoli Ditch u Ricasoli Ravelin ta' kejl superfiċjali ta' circa wieħed u għoxrin elf mija u erbgħa u tletin metru kwadru (21,134 m.k.) muri fuq il-pjanta bin-numru ta' riferenza PD 2012_425 annessa mal-imsemmi kuntratt;

   ii. is-sit li jikkonsisti fit-'Tank Cleaning Berth' ta' kejl superfiċjali ta' circa ħamest elef erba' mija u ħamsin metru kwadru (5,450m$^2$) muri wkoll fuq l-imsemmija pjanta; u

   iii. is-swar u l-fortifikazzjonijiet formanti parti mill-konfini tal-proprjetajiet imsemmija f'paragrafi (i) u (ii) murija wkoll fuq l-imsemmija pjanta.

3. Illi din il-konċessjoni enfitewtika temporanja kienet ingħatat mill-Gvern lil Ricasoli Port FacilítyLimited (C 58691) wara li din kienet rebħet sejħa għall-offerti datata 4 ta' Mejju, 2012.

4. Illi l-Gvern jeħtieġ dan is-sit fir-Ricasoli sabiex isir użu aħjar minnha fl-interess pubbliku u għalhekk kien jeħtieġ illi 'l fuq imsemmija konċessjoni enfitewtika temporanja (li kien fadlilha tnejn u għoxrin (22) sena biex tagħlaq) tiġi terminata.

5. Illi peress li t-terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika ma skattatx minħabba xi ksur tal-obbligi kuntrattwali min-naħa tal-enfitewta iżda unikament minħabba l-ħtieġa tal-Gvern sabiex isir użu aħjar minn dan is-sit fl-interess pubbliku, kien jeħtieġ illi tali konċessjoni enfitewtika tiġi terminata bi ftehim bejn iż-żewġ kontraenti u ċjoè tal-Gvern ta' Malta u ta' Ricasoli Port Facility Limited;

6. Illi għal dan il-għan kienu ġew varati diskussjonijiet ma' Ricasoli Port Facility Limited sabiex jintlaħaq ftehim li kellu jwassal għat-terminazzjoni konsenswali tal-konċessjoni enfitewtika temporanja relattiva għal fuq imsemmi sit fir-Ricasoli, limiti tal-Kalkara u in segwitu għal dawn id-diskussjonijiet intlaħaq ftehim li permezz tiegħu Ricasoli Port Facility Limited tingħata sit alternattiv fil-Marsa konsistenti f'porzjoni diviża ta' art ta' kejl superfiċjali ta' għaxart elef mitejn u ħamsa u disgħin metru kwadru (10,295 m.k.) li kienet mogħtija b'konċessjoni enfitewtika lil Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited (C 6052) (magħrufa bħala 'MOBC') flimkien ma' porzjon diviża t'art adjaċenti għaliha ta' kejl superfiċjali ta' tlitt elef tmien mija u tletin metru kwadru (3,830 m.k.) illi hija vakani, mhux żviluppata u li ma kien qed isir ebda użu minnha,

7. Illi ġie miftiehem ukoll illi MOBC ma tkomplix għaddejja bl-operazzjonijiet tagħha u li dawn jiġu assunti minn Ricasoli Port Facility Limited illi issa se tkun qed topera mill-istess sit. Ġie miftiehem ukoll illi l-impjegati kollha ta' MOBC jiġu trasferiti ma' Ricasoli Port Facility Limited in konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju (Leġiżlazzjonj Sussidjarja 452.85);

8. Illi għaldaqstant, kontestwalment mal-pubblikazzjoni tal-att ta' konċessjoni enfitwetika tas-sit fil-Marsa lil Ricasoli Port Facility Limited għal żmien ta' sitta u għoxrin (26) sena, għandhom jiġu pubblikati wkoll l-atti relattivi għat-terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika illi Ricasoli Port Facility Limited għandha fuq is-sit tar-Ricasoli, limiti tal-Kalkara u kif ukoll għat-terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika illi għandha Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited fuq is-sit tal-Marsa, sabiex b'hekk tali sit ikun jista' jiġi konċess lil Ricasoli Port Facility Limited kif fuq imfisser;

9. Illi skont il-paragrafu (ċ) tal-artikolu wieħed u tletin (31ċ) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, art li jew tappartjeni lill-Gvern jew li tkun fil-pussess, miżmuma jew amministrata mill-Gvern tista' tiġi trasferita bis-saħħa ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-mument tat-trasferiment;

10. U peress li huwa xieraq illi t-trasferiment imsemmi hawn fuq ikun f'konformità mar-riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għal dawn ir-raġunijiet qed jiġi deċiż li l-proprjetà kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-att li qed jiġi intavolat quddiem il-Kamra tad-Deputati għandha tingħata b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal żmien ta' sitta u għoxrin sena skont dawk it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi abbozz ta' att.

Lista ta' Dokumenti:

Abbozz tal-att ta' konċessjoni enfitwetika tas-sit fil-Marsa a favur ta' Ricasoli Port Facility Limited;

Abbozz tal-att għat-terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika illi Ricasoli Port Facility Limited għandha fuq is-sit tar-Ricasoli;

Abbozz tal-att għat-terminazzjoni tal-konċessjoni enfitewtika illi Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited għandha fuq is-sit tal-Marsa; u

Berthing Rights Agreement

20.04.2021